# MINN FUQ IL-BARRAKKA

Madwari, tista' tgħid, kollox għadu jinsab midfun f'ngħasa ħelwa u ħafifa. Fejnha dik il-ħeġġa tal-port? Sebaħ m'hux ħażin imma għad hemm ħemda kbira ma' kullimkien. Tielgħa, iżda, naqra naqra x-xemx. Ġa tidher tgħolli rasha minn fuq il-baħar is-sultana tal-ħolqien. Tielgħa! Tielgħa! U wara ftit

lewn il-ward id-dija tagħha
timla s-sħab ...................

Dun Karm, Il-Għodwa.

Xi ġmiel! Issa lejn kull fejn tħares tarah jieħu l-ħajja u tħossu jimlielek qalbek bi ħlewwa kbira. Il-baħar, qisu żġieġa tlellex taħt il-bewsa tax-xemx, jibqa' sejjer, fil-bogħod il-bogħod sa kemm l-għajn tarah donnu jsir ħaġa waħda mas-sema sbejjaħ tassew fil-kħula tiegħu. Imbagħad xi naqra ta' sħaba żgħira, mitlufa minn sħabha, tgħaddi ta' kull tant minn quddiem ix-xemx donnu biex lilha ssellem u tqim.

Issa beda x-xogħol fuq ġifen Ingliż qawwi u setgħan li jinsab quddiem il-fortizza tar-Rikażli li kienet mibnija mill-Kavalieri ta' San Ġwann biex, flimkien ma' Sant'Jermu, tħares id-daħla tal-port mill-għadu. Kollox ħaj, kollox jitħarrek! X'ingħidu mbagħad għal dawk l-ilsna ta' art li, ħerġin għal ġol-baħar, jagħmlu bejniethom daħliet kbar, sbieħ, fondi u kennijin. In-naħa tar-Rinella, bajja ċkejkna u kwieta, għad ma ssaffiex l-ajru minn xi ftit taċ-ċpar. Imma jidhru dawk l-antenni tal-*wireless* donnhom iridu jilħqu s-sema b'tulhom, donnhom iridu jindukraw dak l-ilsien ta' art ħiereġ bejn ir-Rinella u l-Kalkara msebbaħ bl-isptar ta' Bigi — dan, għall-flotta Ingliża, wirt ta' żmien il-Kavalieri li minn Rodi kienu nġabru f'Malta, għżira ċkejkna fid-daqs imma kbira fl-istorja.

Fid-daħla tal-Kalkara bosta dgħajjes—nistħajjel l-ebda waħda bħall-oħra fil-lewn—jidhru jitbennu fuq wiċċ l-ilma. Imbagħad toħroġ il barra għal ġo nofs il-port il-fortizza ta' Sant'Anġlu mdawra bi swar għoljin fejn l-inqas ġebla hija

għalina għażiża għax ħadet sehem fir-rebħa ta' l-Insara fuq il-Misilmin. Tbiddlu ż-żmenijiet u fuq l-istess swar fejn erba' mitt sena ilu kienet tinsab imwaqqfa l-bandiera tal-Kavalieri l-lum naraw tperper bandiera oħra li, fi kliem l-ogħla poeta Malti,

"Ta' Gżiritna" hija żgur "wens u ġieħ".
Dun Karm, Lill-Bandiera Ingliża.

It-tlitt ibliet, li jagħmlu bħal ngħala ma' dwar id-daħla tat-Tarżna u li jaqbżu fil-għajn għal kif donnhom ħuġġieġa waħda l-qċaċet tad-djar, tistħajjilhom telgħin minn ġor-ragħwa ta' l-ilma l-istess kif telgħet Ċiterëa. Il-koppli u l-kampnari tal-knejjes imwaqqfa f'dawn l-ibliet imżejna b'ismijiet li jiddu fl-istorja ta' l-imgħoddi, għad ma jidhrux tajjeb biż-żejjed minħabba ftit kemm kemm taċ-ċpar. Hekk ukoll wieħed għad l-anqas jista' jilmaħ dawk it-twieqi u gallarijiet miżbugħin aħdar igħajjat.

Laneċ żgħar, miżbugħin iswed, jaqsmu, mingħajr ma jagħtu wisq fil-għajn, mix-xatt tal-Belt li ħadet isimha mill-Grammastru La Valette li bnieha, għax-xtut l-ewwel ta' l-Isla u wara ta' San Lawrenz u minn hemm jerġgħu lura għal minn fejn kienu ġew. Imbagħad f'nofs id-daħla tat-Tarzna nilmaħ marbut ma' l-ankra bastiment ċkejken abjad biċ-ċumnija safra li jgħaxxaq bl-indafa tiegħu.

Sabiħa wkoll il-fortizza ta' San Mikiel b'dik il-gardjola tal-ġebel f'rasha sewwa, il-lum imżejna bil-ħdura tas-siġar, u b'għadd ta' dgħajjes u frejgatini miġbudin fuq il-plajja ta' madwarha. Issa

mill-beraħ f'ħin wieħed stejqer
nifs ħelu ta' fewġa,
Ġ. Delia, s.j., Qatra ta' Nida.

u ftit wara nilmaħ dgħajsa tifrex il-qlugħ bajdani milqut mid-dija tax-xemx u minn biswit il-ponta ta' l-Isla

taħt ir-rażan tat-tmun, għal xejrt-ir-riħ,
Dun Karm, Il-Ġerrejja u Jien

hija ħelu taqbad triqtha.

Fid-daħla tal-Franċiżi, il ġewwa sew, tidher biċċa mit-Tarzna fejn bosta ħaddiema Maltin jaqilgħu l-ħobża ta' kull jum u, taħt il-għolja ta' Kordin, tara fuq wiċċ l-ilma baċin kbir li jimla kull fejn ikun b'tulu.

Il ġewwa nett, imbagħad, tidher, iżda m'hux kollha, il-Marsa fejn il-baħar huwa aktarx dejjem fommu sieket.

Kemm hu sabiħ il-port ! Kemm tassew għandna x'nif-taħru bih !

Issa fl-aħjar jasal f'widnejja d-daqq tal-qampiena tal-Knisja ta' Liesse li tinsab ix-xatt tal-Belt sew sew quddiem is-suq tal-ħut fejn igħidulu "fuq il-Ġgant". Jiena minn fuq il-ħadid tal-gallarija tal-Barrakka ma nistax nara ħlief il-koppla ta' din il-knisja ċkejkna li bl-istorja tagħha u bil-ġrajja li għan-dha ta' Iżmelja u t-tliet Kavalieri hija frott ta' żmien l-Ordni Ġerosolmitan.

F'daqqa waħda tiskot il-qampiena...... 'ma f'widnejja jibqa' jidwi leħinha li kien fakkarni f'bosta ħsebijiet tal-ħajja u għal-hekk, taħt it-toqol ta' dawk il-ħsebijiet, għadni nħoss li rrid ngħidilha

doqq, o qanpiena,
sabar 'l imdejjaq, lil min dineb, ħniena,
serħ lill-għajjiena.

Ros. Briffa, Fl-Ave Marija.

K. Xuereb.